Mellieħa

13 ta' April 2022

# IT-TMIEN KUNSILL

**AĠENDA Numru 37**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa**

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tipparteċipa fis-Seduta tal-Kunsill Lokali numru **37** li ser issir fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa nhar it-Tlieta 19 ta' April 2022 fis-6.00 pm.

Din il-laqgħa ser tkun imxandra mis-sit: https://www.mellieha.gov.mt/live-streaming u r-*recording* tagħha jista' eventwalment jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/.

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**

---

**AĠENDA**

37.1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

37.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

37.3. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku;

37.4. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

37.5. Andament tal-kuntratti dwar it-tindif ta' toroq urbani u dak tat-toroq rurali;

37.6. Mozzjoni dwar l-għoti ta' kuntratt li jipprovdi għall-Iddisinjar, *Setting* u Stampar tan-*Newslette*r tal-Kunsill flimkien ma' Magazin għat-Tfal;

37.7. Mozzjoni dwar l-għoti ta' kuntratt li jipprovdi għar-Restawr tan-Niċċa tal-Madonna fil-Marfa;

37.8. Sistema ta' *one-ways* fi Triq Sant' Elena, Triq Dun Franġisk Sciberras, u Triq Adenau, approvata fis-Seduta Nru. 33;

37.9. Tifkira tal-memorja tal-eks-Sindku Joseph Borg;

37.10. Inawgurazzjoni tax-xogħlijiet u l-attrezzi fil-Batterija ta' Westreme – Mużew tat-Tunnara;

37.11. Rendikont Finanzjarju – Ottubru / Diċembru 2021;

37.12. Konsiderazzjoni, approvazzjoni tal-Iskedi tal-Pagamenti u Akkwist ta' Provisti u Servizzi;

37.13. Tmiem tal-laqgħa u data għas-seduta li jmiss.

## MOZZJONIJIET

**37.6. Mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera A. Brincat Stelli illi tgħid:**

*" Billi saret sejħa għall-offerti Nru. 2/2022, skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist mill-Kunsilli Lokali (L.S.363.186), sabiex jingħata servizz ta' iddisinjar, setting u stampar tan-newsletter "Mill-Qiegħa" flimkien mal-magazin għat-tfal;*

*Billi l-ispiża konnessa ma' dan ix-xogħol hemm provdut għaliha fl-estimi tas-sena finanzjarja 2022, taħt il-kont Nru. 2970; u*

*Billi l-Kumitat ta' Evalwazzjoni ra s-sottomissjonijiet li saru mit-tliet offerenti skont il-minuti tat-8 u t-22 ta' Marzu 2022, fejn ġie rakkomandat li l-kuntratt jingħata lill-Salander Group Ltd, peress għamlu l-inqas offerta finanzjarja akkumpanjata bid-dokumentazzjoni mitluba fid-dokument tal-offerta;*

*Jirriżolvi illi għandha tintbagħat ittra ta' aċċettazzjoni lill-offerent, skont ir-rati ndikati fl-offerta finanzjarja rispettiva, bil-għan li jiġi iffirmat kuntratt ta` erba' snin, b'effett mill-1 ta' Mejju 2022 sabiex jiġi pprovdut is-servizz in kwistjoni.". (P/3/2/Vol IV)*

Annabelle Brincat Stellini — Kunsillier – Proponent

Marvin Abela — Kunsillier – Sekondant

**37.7. Mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar li tgħid:**

*"Billi saret sejħa għall-offerti MLC 1/2022, skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist mill-Kunsilli Lokali (L.S.363.186), li tinvolvi r-Restawr tan-Niċċa tal-Madonna fil-Marfa;*

*Billi bil-għajnuna ta' rapport tekniku mill-perit inkarigat saret evalwazzjoni mill-Kumitat ta' Evalwazzjoni taż-żewġ offerti sottomessi, skont il-minuti tal-24 ta' Frar, 8 ta' Marzu u 22 ta' Marzu 2022; u*

*Billi fl-Estimi għas-Sena Finanzjarja 2022 ġew ivvutati fondi biżżejjed fil-Vot 7535 bis-saħħa ta' kofinanzjament approvat taħt il-Miżura 19.2 tal-Fond Agikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali skont ftehim bir-referenza (IACS) No. 239074;*

*Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jiġi ffirmat kuntratt mal-offerent Stefano Sferrazzo li rriżulta konformi mal-kriterji stabbiliti bl-inqas offerta finanzjarja.". (P/10/37)*

Rebecca Bartolo Cutajar — Kunsillier (Proponent)

Gabriel Micallef — Kunsillier (Sekondant)